[ OPINJONI ]

# NAQSMU R-RESPONSABBILTÀ, NAĦDMU B'SOLIDARJETÀ



DIMITRIS AVRAMOPOULOS/ Kummissarju għall-Migrazzjoni, l-Intern u ċ-Ċittadinanza, CARMELO ABELA/ Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali



Il-kriżi tar-refuġjati fl-2015 u fil-bidu tal-2016 ħolqot sfida mingħajr preċedent għall-Ewropa. Kienet hemm bżonn ta' reazzjoni qawwija, komuni u kkoordinata mill-Unjoni Ewropea: reazzjoni komprensiva bl-għan li twaqqaf il-flussi migratorji mhux kontrollati, filwaqt li tippro teġi d-drittijiet tal-migranti u r-refuġjati f'konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u dik internazzjonali u tiżgura li l-ebda Stat Membru ma jitħalla waħdu biex jerfa' l-piż tal-migrazzjoni

Dan l-għan kien preċiżament l-essenza tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni sa mill-bidu nett: li toffri protezzjoni lil dawk fil-bżonn, li ssalva l-ħajjiet fuq il-baħar, li ssaħħaħ u tamministra aħjar il-fruntieri esterni tagħna, li tiġġieled kontra l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari waqt li tibgħat lura b'mod aħjar lil dawk li m'għandhom l-ebda dritt li jibqgħu, u biex issaħħaħ il-mezzi legali għall-persuni biex jiġu fl-Ewropa b'mod ordnat u bla periklu.

Li naqsmu r-responsabbiltà flimkien u nuru solidarjetà dejjem kienu s-sisien tal-politika Ewropea tal-migrazzjoni u l-ażil: bejn l-Istati Membri lejn il-pajjiżi ġirien imseħba tagħna, kif ukoll lejn il-migranti u l-persuni li jfittxu l-ażil infushom.

Fi ħdan l-Unjoni Ewropea din ir-responsabbiltà u s-solidarjetà per eżempju ntweriet, permezz tal-iskemi rilokazzjoni, fejn aktar minn 14,000 persuna li kienu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali ġew rilokati s'issa mill-Italja u l-Greċja lejn Stati Membri oħrajn. B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet soluzzjonijiet għall-perjodu medju u twil permezz ta' rinovazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluża r-reviżjoni tar-Regolament ta' Dublin, li jistabbilixxi l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil.

Madankollu r-responsabbiltà u s-solidarjetà ma jieqfux fuq il-fruntieri tal-Unjoni Ewropea. L-amministrazzjoni tal-migrazzjoni hija sfida globali u teħtieġ reazzjoni globali. Proprju għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ is-sħubijiet tagħha ma' pajjiżi terzi ewlenin. Għamilna dan mat-Turkija permezz tal-Istqarrija bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija, permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-Balkani tal-Punent, u qed insaħħu s-sħubijiet tagħna mal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u dik Sub-Saħarjana.

L-Unjoni Ewropea bniet qafas solidu ta' migrazzjoni – issa huwa l-mument biex insostnu dan il-progress, b'mod partikolari operazzjonalment fuq l-art. Din hija r-raġuni għaliex illum il-Ħamis, aħna, f'isem il-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qed inżuru l-gżira ta' Lesvos, waħda mill-gżejjer Griegi li huma fuq quddiem nett tal-kriżi tar-refuġjati.

Fil-Greċja, l-Unjoni Ewropea qed tgħin lill-awtoritajiet Griegi biex jamministraw is-sitwazzjoni diffiċli fuq il-gżejjer tal-Aegean u biex jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għall-migranti filwaqt li jitħaffu l-proċeduri tal-ażil. L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ tal-Ażil (EASO) u l-Aġenzija Ewropea ta' Gwardja tal-Fruntieri u l-Kosta bħalissa għandhom 'il fuq minn elf uffiċjal fil-Greċja – l-akbar operazzjoni tal-Unjoni Ewropea li qatt saret fl-istorja taż-żewġ aġenziji. Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni Ewropea għamlet disponibbli aktar minn €1 biljun f'appoġġ finanzjarju għall-amministrazzjoni tas-sitwazzjoni tal-migrazzjoni fil-Greċja.

Madankollu, għad hemm bżonn sforzi akbar mill-Istati Membri biex jindirizzaw is-sitwazzjoni diffiċli fis-gżejjer fil-Greċja. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom bżonn jonoraw l-impenji tagħhom ta' rilokazzjoni ta' dawk li jinsabu fi bżonn urġenti ta' protezzjoni, jintensifikaw l-isforzi tagħhom fuq ta' risistemazzjoni mit-Turkija u jiżguraw l-iskjerament ta' għadd suffiċjenti ta' esperti fil-qasam tal-ażil fil-Greċja biex iħaffu l-ipproċessar fuq l-art.

Jista' jkollna politika Ewropea soda tal-migrazzjoni u l-ażil biss jekk il-kondiviżjoni tas-solidarjetà u r-responsabbiltà huma inerenti u sostnuti fl-aspetti kollha tal-istrateġija komprensiva tagħna. Issa li r-rebbiegħa qed toqrob, hu l-mument li nkomplu nwettqu il-wegħdiet u l-impenji tagħna Ewropej.

